# LIL MALTA

Bħal riħ li b'qilla fuq l-għelieqi jvenven,
w iqajjem it-trab li sa s-sema jitlagħ,
w imbagħad fix-xejn jispiċċa;
hekk, o Malta, jaħasra,
tar il ġieħ tiegħek
minn moħħ uliedek.
Dawn, mhux iżjed uliedek,
ċaħdu t-trobbija
li minnek ħadu,
biex bħal art tagħhom jagħżlu
art barranija!...
O liema qatt kiefrija
s'hawn setgħet twassalhom!
Tiċħad lil ommok
li tħobbok!
li l-ħajja u l-Emna tatek!
Ibki o Malta, ħanina Arti, ibki,
għax għandek l-għala:
Inti li sbejħa w safja
daqs is-susan tal wied;
Inti li għalkemm żgħira, bħal djamant għażiż,
ġe' dinja kbira,
lil ħutek ġibt għira,
kont mill-barrani, li għaraf is-sewwa,
bil-ġieħ mogħnija,
u minn dawk imbikkija
li b'demmek stagħnew,
demm li għalxejn redgħu mill-viżi tiegħek,
biex biddluh f'semm.

* * *

L'artijiet kollha
isemmu l-ġrajja tiegħek,
u jixtiequ li tagħhom għalkemm huma kbar,
kienu bħal tiegħek.
Int lil Feniċi, baħħara kbar, setgħana,
ilqajt mill-ħalel tal-baħar bellieg̀ħi;
u lin-nies l-oħra
li ġew ġe' fik bil-għerf u t-tagħlim tagħhom
għallimt is-snajja;
lil Pawlu lqajt,
minn fuq il-mewġ ta' l-ilma jimraħ bħal mewt,
u bin-nar saħħantu,
bl-ikel tmajtu, bil-benna tal-frott tiegħek,
u l-Emna li minn għandu ħadt
s'issa weġġaħt, bħal wirt l-aktar għażiż.

*  *  *

Kull ma tlabtek int tajtni, Malta—
tfulija mbierka, u bi sbuħija mdawra;
imħabba bla qiegħ,
li mhux fil-ħolqien,
iżda f'min ħalaq
issib il-mistrieħ;
ħabib li jħobbni b'qalb tajba w safja
sgur sa ma jmut,—
kull ma tlabtek int tajtni, Malta;
għalhekk ħaġ'oħra atini:
li bil-bandiera tiegħek
setgħana fuq l-irjieħ tas-swar Maltin
igħattu tebuti.

21-XI-32

Gejtu Cassar